FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

2 ta' Frar 2010

**Minuti tal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar il-Hamis 28 ta' Jannar 2010 fis-7.15pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Franco Davies, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv K. Brincat assistit mill-iskrivana E. Theuma. L-attendenza kienet ta' madwar 15 persuni.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

Is-Sindku beda l-laqgha billi spjega l-iskop ta' din il-laqgha li huwa li l-Kunsill jispjega lir-residenti dwar x'sar fil-lokalita' fis-sena precedenti u jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti kif tkun ser tigi riflessa fl-estimi annwali u li hija okkazjoni biex ir-residenti jressqu xi suggerimenti jew ilmenti li jkollhom.

Is-Sindku Nigel Holland spjega li r-raguni ghalfejn il-laqgha saret f'Jannar u mhux fix-xahar ta' Marzu kien minhabba emendi li saru fil-ligi ricentament.

Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li l-Kunsill jinsab finalment imsahhah wara l-elezzjoni kazwali tal-post vakant mis-Sur Brian Zammit li gie mimli mill-Kunsillier gdid Vincent Borg, fejn issa l-karigi jinsabu imqassmin sew peress li l-kunsillier precedenti kien irrifjuta li jkollu karigi.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsillier Edward Torpiano sabiex jibda billi jaghti rendikont tal-hidma tieghu. Is-Sindku spjega li ser jibda mill-Kunsillier Torpiano minhabba li l-Kunsillier Torpiano kellu jkun skuzat aktar 'il quddiem tal-laqgha, peress li kellu impenji ohra tal-Kunsill x'jattendi.

## 1.0 IL-KUNSILLIER EDWARD TORPIANO

Il-Kunsillier Edward Torpiano beda billi spjega l-karigi li gew moghtija lilu f'dan il-Kunsill filwaqt li spjega x'sar matul din is-sena f'kull qasam tal-karigi tieghu.

### *1.1 Gemellaggi*

Il-Kunsillier Edward Torpiano tkellem dwar il-koordinazzjoni tieghu waqt il-gemellaggi li saru ma' Macerata kif ukoll ma' Kercem – Ghawdex. Huwa semma wkoll il-kuncert li ttella' mill-banda tal-Floriana flimkien ma' dik ta' Macerata fi Piazza della Liberta' f'Macerata.

### *1.2 Ambjent u Indafa Pubblika*

Rigward dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano spjega li hu personalment jaghmel diversi kuntatti mal-kuntratturi kemm tat-tindif tat-toroq kif ukoll bulky refuse sabiex is-servizz dejjem jitjieb.

### *1.3 Harsien tac-Cittadin u Relazzjonijiet mal-Pulizija*

F'dan il-qasam il-Kunsillier Edward Torpiano semma dwar diversi laqghat li hu kellu mal-pulizija sabiex tissahhah l-ordni pubblika fil-lokalita' specjalment f'dawn l-ahhar xhur fejn kien hemm mewga ta' vandalizmu fuq il-lokalita' tal-Floriana li garrbet diversi hsarat ripetutament.

### *1.4 Housing*

F'dan il-qasam, il-Kunsillier Edward Torpiano beda' billi fakkar li hu flimkien mal-Kunsill ifakkru Jum il-Housing fis-16 ta' Jannar ta' kull sena. Huwa kompla jghid li flimkien mal-Kunsill, jipprova johloq *awareness* tal-bzonn kbir ta' *housing* li ghandhom ir-residenti tal-Floriana. Il-Kunsillier Edward Torpiano tkellem ukoll dwar il-progett ta' bini ta' appartamenti fi Triq l-Argotti fejn qed jipprova jaghmel mill-ahjar biex fil-maggoranza taghhom, dawn jinghataw lill-Furjanizi. Fir-rigward ta' permessi relatati mal-MEPA, huwa spjega li jaghmel mill-ahjar li jista' biex jghin fil-hrug taghhom, u fil-fatt kien irnexxielu jhaffef permess importanti hafna relatat mal-monument ta' Pietro Paolo Floriani inawgurat mill-Kunsill, li kien dam ma hareg minhabba xi problemi li nqalghu.

Huwa kompla billi qal li hu jifforma wkoll parti mill-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Belt Valletta u l-Floriana.

### *1.5 Kultura u Patrimonju Lokali*

Rigward dan il-qasam il-kunsillier Edward Torpiano semma s-sehem tieghu fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet bhal Florianafest, il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u tac-Celebrazzjoni f'Lejliet l-ewwel tas-sena. Semma' wkoll li hu jifforma parti wkoll mis-sotto kumitati organizzattivi ta' dawn l-attivitajiet.

Il-Kunsillier Edward Torpiano temm billi awgura lill-Kunsilliera shabu specjalment lill-Kunsillier Vincent Borg li mill-bidu kien efficjenti u ta sehem importanti fil-Kunsill.

## <u>2.0 IL-VICI SINDKU FRANCO DAVIES</u>

Il-Vici-Sindku Franco Davies fetah id-diskussjoni billi ta rendikont ta' dak li sar matul din is-sena f'kull qasam tal-karigi tieghu :–

*2.1 Sahha u Anzjani*

Rigward dan il-qasam, il-Vici-Sindku Franco Davies qal li kontinwament jipprova jsib nies li jistghu jaghmlu *lectures* fuq varji temi fil-Floriana Senior Citizena ta' kull xahar. Huwa kompla billi qal li qed issir restawr ta' certu postijiet li jistghu ikunu ta' periklu ghall-anzjani. Zied jghid li hu flimkien mal-Kunsill applikaw li jsir platform lift mal-entratura tad-Dar tal-Kunsill dan biex l-ufficcju tal-Kunsill ikun iktar accessibbli ghall-persuni b'dizabbilita' minhabba li huwa post pubbliku. Huwa semma wkoll it-toilet accessibli ghad-dizabbli li sar fid-Day Care Centre tal-anzjani. Kompla billi qal li kien qed jaghmel mill-ahjar li jista' biex is-*city cabs* jibdew anke jaslu sac-centru tal-Floriana. Huwa zied jghid bl-inizjattiva li ha biex jittella' First Aid Course fil-bidu tas-sena, u anke biex tinstab soluzzjoni ghall-problema tas-siringi li hemm fil-gonna tal-Floriana. Kompla billi qal li kien qed jimxi b'koperazzjoni mal-polyclinic tal-Floriana biex l-anzjani kif ukoll ir-residenti, jiehdu t-titqiba kemm tal-influwenza kif ukoll tal-virus H1N1. Spicca billi ghamel riferenza ghall-inizjattiva li kien ha dwar il-problema ta' radjoattivita' li kien hemm fiz-zona ta' hdejn l-Island Sound wara li hafna residenti urew l-koncern taghhom.

*2.2 Harsien tal-annimali*

Rigward dan il-qasam, huwa qal li kien gie avvicinat mid-Dogs Trust Malta rigward il-vaccinazjoni tal-klieb u kif ukoll is-servizz ta' mikro cippa li jigu offruti lir-residenti bi prezz irhas minn dak normali.

*2.3 Turizmu*

Il-Vici Sindku Franco Davies qal li matul din is-sena prova jhares iktar fuq l-*embelishment* tal-Floriana, per ezempju fiz-zona tal-Biskuttin, u mhux biss fuq it-turizmu. Semma' l-inizjattiva li ha fuq il-Floriana Heritage Trail u spjega f'hiex tikkonsisti din il-passigata. Huwa kompla billi qal li zdiedu wkoll diversi *"Welcome" signs* fil-lokalita' u gew irrangati tabelli ohrajn fil-lokalita'. Huwa semma' wkoll id-diversi attivitajiet ta' spettaklu, zfin u kant li ttellghu fil-Gnien KGV fix-xhur tas-Sajf. Zied isemmi il-proposta li l-Kunsill ghamel lill-entitajiet governattivi biex isir ir-restawr ta' certu monumenti importanti bhal dak ta' Dante. Semma' wkoll l-attivitajiet tal-Festival tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u tac-Celebrazzjonijiet f'Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

*2.4 E-Councillor*

Rigward dan il-qasam, huwa semma l-hidma li qed issir biex tigi rrangata l-website ufficcjali tal-Kunsill minhabba li kien hemm xi problemi f'dik precedenti. Huwa semma wkoll li kien ha hsieb jiftah pagna tal-Kunsill Lokali Floriana fuq is-sit ta' Facebook li fuqha qed ikun hemm informazzjoni dwar l-

attivitajiet li jorganizza l-Kunsill, kif ukoll dwar xi petizzjonijiet li jkun qed iniedi l-Kunsill.

## 3.0 IL-KUNSILLIERA SANDRA SAMMUT HILI

Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fethet id-diskussjoni billi tat rendikont tal-hidma taghha fil-Kunsill

Din hija lista fil-qosor tax-xoghlijiet li l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet f'dan il-Kunsill relatati mal-karigi taghha u li gew ikkoordinati minnha.

### *3.1 Edukazzjoni*

F'dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili spjegat li saru korsijiet tal-kompjuter *E-Tfal* bla hlas ghat-tfal furjanizi. Inghataw ukoll pakketti ta' kotba lit-tfal tal-Iskola Primarja sabiex jitqassmu fil-bidu tal-ewwel sena skolastika biex ihajjru lit-tfal jaqraw. Hadet ukoll sehem b'mod attiv f'kull attivita' li torganizza l-iSkola Primarja bhall-isports day, prize day u l-kuncert organizzat minn Skola Sajf. Organizzat ukoll mawra ghat-tfal tal-iskola lejn id-Dar tal-Kunsill Lokali fejn inghataw xi dettalji dwar kif jahdem il-Kunsill u anke mawra ghal Ghawdex fejn zaru diversi postijiet t'interess.

### *3.2 Ugwaljanza u l-Avvanz tal-Mara*

Rigward dan il-qasam, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tkellmet dwar id-diversi attivitajiet li organizzat ghan-nisa matul din is-sena, fosthom hemm:-
- Harga f'Jum l-Omm u f'Jum il-Missier
- Harga ghal Marsaxlokk fil-festa ta' San Girgor
- Harga f'Hamis ix-Xirka
- Gurnata Little Armier
- Harga lin-nisa darba fix-xahar
- Ikla fil-Milied
- Country night fil-Buskett Roadhouse

### *3.3 Utilitijiet u Servizzi*

Rigward dan il-qasam, hija tat rendikont ta' x'ghamlet matul din is-sena, fosthom:

- Tiswijiet ta' bozoz li saru matul is-sena
- Zieda ta' rubbish bins hdejn id-dressing rooms tal-Floriana Nursery
- Zieda ta' planters fi Triq Antonio Agius u fi Triq il-Miratur
- Railing fi Pjazza Sir Luigi Preziosi
- Inghalaq il-bieb tal-Polverista u l-bieb tax-xelter fi Gnien Vilhena
- Fuq talba tar-residenti, saret mera fil-kurutur tal-Housing
- Twahhil ta' zewg fanali ornamentali fil-Housing Estate
- Sleeping policeman hdejn l-ispizerija tal-Gvern

### *3.4 Zghazagh u Sport*

Rigward din il-kariga, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili semmiet l-attivita' bl-isem Kids'Athletics fil-Football Ground fil-Floriana nhar is-7 ta' Marzu 2009, fejn minkejja t-temp li ma tantx ippermetta, l-attivita kienet wahda pozittiva hafna.
Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili kompliet billi qalet li waqt attivita' organizzata mill-MOC, il-Floriana regghet giet ikklassifikata fit-tielet post. Semmiet ukoll il-fun run organizzata mill-Kumitat Olimpiku Malti u l-festival sportiv li gie mtella' fil-Mall u fl-Arena tal-Indipendenza flimkien ma' ghaqdiet sportivi lokali ohra.

## 4.0 VINCENT BORG

Peress li ma tantx kien ilu fil-Kunsill, il-Kunsillier Vincent Borg beda' billi spjega x'inhuma l-karigi tieghu fil-Kunsill.

### *4.1 Gonna u soft areas*

Rigward dan il-qasam, il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-Kunsill kien qed jittama li l-gnien tal-Mall jigi mghoddi taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill biex b'hekk tkun tista' tinghatalu l-attenzjoni li jixraqlu. Zied jaghmel ukoll appell lir-residenti biex izommu l-gonna tal-Floriana nodfa biex b'hekk igawdu kemm ir-residenti kif ukoll dawk li jzuru l-Floriana fuq bazi regolari. Semma' wkoll li gie avvicinat mill-iskola primarja bi progett tat-tfal li kabbru pjanti u li ssuggerew li dawn jinzraw taht il-Forka f'dik iz-zona abbandunata biex b'hekk tinghata il-hajja.

### *4.2 Xogholijiet u Infrastruttura*

Rigward dan il-qasam, huwa esprima d-dispjacir tieghu ghax-xoghol ta' patching li sar dan l-ahhar u wieghed li kien ser jaghmel mill-ahjar biex dan ix-xoghol isir sew.

### *4.3 Gwardjani lokali, traffiku u parkegg*

Rigward dan il-qasam, huwa semma l-idea tieghu biex f'parti minn Triq Vilhena, ma jithallewx jidhlu vetturi kbar minhabba d-djuqija ta' din l-istess triq. Huwa zied jghid ukoll li hemm hsieb biex il-bankini jinkixfu aktar u jsiru iktar oghljin minhabba li hafna minnhom qeghdin baxxi, dan anke biex jigi evitat il-parkegg fuq il-bankini.

### *4.4 Qasam socjali u l-familja*

Rigward dan il-qasam, huwa nforma li fi studju li sar dan l-ahhar, il-Floriana kienet wahda mill-oghla lokalitajiet li qed tircievi l-iktar beneficcji socjali.

Il-Kunsillier Vincent Borg irringrazzja lill-shabu l-Kunsilliera tal-ghajnuna li tawh u tas-support li orew f'din il-kariga gdida tieghu. Huwa kompla billi ghamel appell lir-residenti biex jibzghu ghall-indafa u jkunu iktar vigilanti anke lejn min mhux resident, biex tinzamm l-indafa ghat-tgawdija ta' kulhadd.

Amel appell lir residenti bix jibzaw all indafa u bix ikunu iktar vigilanti anke lejn min mux resident halli jibza all indafa

**Nota: 19:56 – Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat minhabba impenji ohra relatati mal-Kunsill.**

## 5.0 IS-SINDKU NIGEL HOLLAND

Is-Sindku Nigel Holland kompla din il-laqgha billi tkellem dwar il-progetti li l-Kunsill Lokali huwa mistenni li jaghmel fis-sena 2010, fejn semma dawn li gejjin:-

- It-Tkomplija tax-xoghlijiet fil-bini ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill
- L-Arblu fi Triq Sant Anna
- Il-Picc sintetiku
- Il-Paviment ta' faccata tad-Dar tal-Kunsill
- Major Resurfacing minn kantuniera sa kantuniera f'certu toroq
- It-Tkomplija ta' xogholijiet fuq il-bankina ta' Triq San Frangisk
- Progett ghal wicc gdid ghal Triq il-Miratur
- Fanali Ornamentali fil-Housing
- It-Tkomplija ta' xoghlijiet fuq il-bdil ta' bankini f'Balzunetta
- Xiri ta' Tizjin tal-Milied ghal Triq Sant'Anna
- Sinjali, brochures, ecc. ghall-passiggata tal-Floriana Heritage Trail
- Zieda fl-ghamara tat-Triq; bins etc.
- Traduzzjoni tal-iskrizzjoni mil-latin fuq il-hajt ta' wara l-kazin Vilhena
- Ghamara u fittings ghad-Dar tal-Kunsill
- L-Installazjoni ta' *platform lift* fil-bieb tal-Kunsill
- Il-Monument tal-kampjonat tal-futbol
- Il-Progett ta' restawrazzjoni lin-nicca tal Kurcifiss u ta' l-area tal-madwar fit- telgha tal-Kurcifiss, li minnha jghaddu mijiet ta' turisti

Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li n-nefqa totali stmata ghas-sena li jmiss hija ta' madwar €342,958.

Finalment is-Sindku Nigel Holland stieden lir-residenti biex jaghmlu l-interventi taghhom billi jressqu xi ilmenti, tifhir jew xi suggerimenti ohra ghal gid tal-lokalita'.

Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :

*Mary Dimech :* Hija bdiet billi rringrazzjat lill-Kunsill tax-xoghol li sar f'din l-ahhar sena. Hija kompliet billi ssuggeriet li hdejn iz-zebra crossing li hemm quddiem id-Dar tal-Anzjani, isiru tabelli li jindikaw li hemm zebra crossing u dar tal-anzjani fil-vicin peress li ma tantx taghti fil-ghajn u ghalhekk ta' sikwit ikun se jsehh xi accident. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li diga' hemm tabella li turi li hemm zebra crossing izda li l-Kunsill ser jiehu hsieb jaghmel tabelli li jindikaw li hemm dar tal-anzjani fil-vicinanzi.

*Fr. Pace:* Huwa ssuggerixxa li jitnehhew il-konok li hemm quddiem Dar Sarria. *Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ser jittiehdu l-mizuri necessarji dwar dan.*

*Joe Hili:* Huwa beda billi awgura lill-Kunsill tal-inizjattiva siewja li ha fuq il-Floriana Heritage Trail. Hu xtaq ukoll jigbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar stitut tar-refugjati li fetah fi Triq is-Suq u xtaq ghalhekk jikkonferma jekk dan

infetahx skond il-ligi u jekk jistax jizdied il-kontroll tal-Pulizija minhabba li qed ikun hemm hafna barranin f'din it-triq.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li fi Triq is-Suq kien infetah l-ufficcju tal-United Nations.*

Is-Sur Hili staqsa wkoll jekk il-gnien tal-Biskuttin u l-bankina ta' Pjazza ES Tonna jaqghux taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill Lokali Floriana.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dawn it-tnejn jaqghu taht ir-responsabbilta' tal-Kunsill.*

It-tielet punt li ressaq is-Sur Hili kien dwar il-bring in sites li hemm fit-telgha tal-Kurcifiss u l-iskart li jkun hemm madwarhom.
*Is-Sindku Nigel Holland wieheb li mill-1 ta' Frar 2010, dawn il-bring in sites mhux ser jibqghu jaqghu taht il-Wasteserv u ser jibdew jaqghu taht ir-responsabbilta' diretta tal-Kunsill Lokali Floriana minhabba l-ftehim li sar mal-GreenPak u ghalhekk ser jibda' jkun hemm iktar kontroll fuqhom minhabba li ma jridx jibqa' jsir giri wara' kuntratturi u kumpaniji terzjarji.*

Is-Sur Hili ikkumenta wkoll dwar ix-xoghol ta' patching li sar f'Lascaris Wharf fejn ittama li l-Kunsill ma kienx ser ihalls ta' dan ix-xoghol hazin li sar.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-kuntrattur jithallas biss ladarba x-xoghol li jkun sar ikun iccertifikat bhala xoghol tajjeb mill-Perit tal-Kunsill.*

Is-Sur Hili issuggerixxa wkoll li l-Kunsill jiehu inizjattiva jorganizza attivita' simili ghall-attivita' Notte Bianca li tigi organizzata fil-Belt Valletta biex b'hekk il-Floriana tiehu statut kulturali. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li hemm ideat li jittellghu xi attivitajiet fix-xahar ta' Mejju fil-gonna tal-Floriana u possibilment anke fil-Waterfront. Huwa zied jghid li l-inizjattiva tal-Floriana Heritage Trail ser tghin hafna biex il-Floriana tiehu dehra differenti u aspett kulturali gdid.

*Vince Cremona :* Beda' billi rringrazzja tal-progett prezenti li tigi rrangata Triq il-Miratur. Huwa gibed l-attenzjoni dwar il-kantuniera ta' din l-istess triq fejn qed isiru diversi atti ta' vandalizmu u abbuzi ohrajn.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb billi qal li ladarba l-vandali jinqabdu, jittiehdu passi kontrihom skond il-ligi izda dan huwa difficli minhabba li wiehed irid jinqabad fil-fatt biex ikunu jistghu jitressqu skond il-ligi.*

*Tony Camilleri:* B'riferenza ghall-progett tat-tfal tal-iskola li jizrghu xi sigar li hawwlu, huwa staqsa jekk dawn is-sigar jistghux jigu mizrugha fil-gnien tal-Argotti biex jimtela' l-vojt li halla l-palm li kien hemm qabel jew inkella jinzerghu f'San Gakbu.
*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li hu kien mexa' fuq il-parir tal-foreman tal-ELC izda ser iressaq dan is-suggeriment quddiemu u jerga' jiehu l-parir tieghu.*

It-tieni punt li ressaq is-Sur Camilleri kien dwar il-bankina li hemm fi Pjazza San Kalcidonju int u ddur l-isfel.
*Il-Kunsillier Vincent Borg wiegeb li kienu ser jittiehdu passi dwar din il-bankina.*

*Sur Muscat:* Xtaq jirringrazzja lill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili tal-hidma taghha u fakkar dwar is-sigra kbira li hemm fit-telgha tal-Kappuccini, hdejn l-ispizerija tal-Gvern li ghandha bzonn titnehha minhabba li qeghda ta' periklu.

*Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili wiegbet li l-Kunsill kien diga informa lill-Agrikoltura u ser jerga' jfakkarhom dwar dan.*

*Charles Saliba:* Xtaq jirringrazzja u jghid prosit tal-inizjattivi li ttiehdu biex jittellghu l-avvenimenti ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u anke tal-Festival tal-Loghob tan-Nar Mekkannizzat.

*Mary Dimech:* Staqsiet b'liema lingwa ser ikunu l-brochures li ser jitqassmu ghall-Floriana Heritage Trail.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li ghalissa, dawn il-brochures se jkunu biss bl-ingliz izda jista' jkun li jkun hemm il-hsieb isiru b'lingwi ohrajn iktar 'il quddiem.*

Staqsiet ukoll dwar jekk kienx ser isir lift ghall-persuni b'dizabbilita' god-Dar tal-Kunsill.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li dan il-lift kien diga gie approvat u kien qieghed fil-pjanijiet tal-Kunsill.*

*Karl de Flavia:* Staqsa dwar jekk tistax issir skema ta' parkegg residenzjali simili ghal dik tal-Belt Valletta fejn ikun hemm postijiet ta' parkegg li jkunu biss ghar-resident, possibilment immarkati b'kulur differenti.
*Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li wara kummenti li kien ha mir-residenti tal-Belt Valletta, din l-iskema xorta wahda ma naqqsitx il-problema ta' parkegg ghalihom. Wiegeb ukoll li din l-iskema ma tistax tigi implikata fil-Floriana minhabba li l-Kunsill ma kellux il-permess relevanti mill-ADT.*
*Il-Kunsillier Vincent Borg zied jghid li l-Kunsill kien qed jiehu l-mizuri necessarji biex ma jkunx hemm abbuz mill-iskema prezenti u li ser ikun hemm anke bdil fil-gwardjani lokali ta' sikwit biex jitnaqqas l-abbuz u biex zgur ma jkunx hemm lok ghall-preferenzi u l-ingustizzji.*

Is-Sindku Nigel Holland xtaq li jhabbar avviz ckejken u jinforma lil dawk prezenti bil-wirja ta' vari li ser issir fil-Gimgha l-Kbira fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill. Huwa nkoraggixxa lir-residenti jzuru din il-wirja u fakkar bil-kantata li ser tittella' l-gurnata ta' wara bl-isem ta' *Hodon Fjuri lil San Publju*.

Is-Sindku Nigel Holland, f'isem il-Kunsill Lokali Floriana rringrazzja lir-residenti tal-attendenza taghhom.

**Tmiem il-laqgha:**

Il-laqgha ntemmet fid-9.00p.m

| | |
|---|---|
| Nigel Holland | Kenneth Brincat |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |